MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 226/2010

**A Q Z**
**vs**
**V T *sive* X S**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li hu kien ilu Malta mit-23 ta’ Frar 1993, u li fis-7 ta’ Frar 1994 kien beda jahdem bhala infermier; li f’ Gunju 2001 huwa kien iltaqa’ mal-konvenuta, u dawn izzewwgu fit-22 ta’ Marzu 2002; li “wara z-zwieg l-atteggjament tal-konvenuta versu zewgha inbidel u hija bdiet turi sinjali ta’ dipressjoni, tant li ma bdietx iggib ruhha ta’ mizzewwga fil-konfront ta’ zewgha l-attur”; li hija qatt ma kienet uriet dawn is-sintomi qabel iz-zwieg meta kienet tkun fil-prezenza ta’ l-attur; li qabel iz-zwieg haseb li l-kundizzjoni mentali tal-konvenuta kienet kwistjoni tal-

passat; li z-zwieg huwa null stante li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll stante li l-kunsens matrimonjali taz-zewg partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-istess artikolu; wkoll, il-kunsens matrimonjali ta' l-attur kien vizzjat fit-termini ta' l-artikolu [c];  ghalhekk l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara dan iz-zwieg null fil-ligi, u tordna d-debita registrazzjoni fuq l-att taz-zwieg relattiv;   bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta [1] qed tikkontesta l-fatt li z-zwieg taghha ma' l-attur huwa null fil-ligi;  [2] li tichad dak attribwit lilha mill-attur; u [3] li fil-kaz li l-Qorti tiddecidi li z-zwieg huwa null, allura dan ghandu jkun imputabbli unikament lill-attur fit-termini tal-paragrafi [c] u [d] ta' l-artikolu precitat;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta huwa null fil-ligi a bazi tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha taghha l-konvenuta qeda primarjament tikkontesta din it-talba, izda sekondarjament, qed issostni li kull htija ghandha tingarr mill-attur kif indikat fir-risposta guramentata taghha.

**Il-Fatti**
Illi l-partijiet izzewwgu fit-22 ta' Marzu 2002 meta allura l-attur, cittadin Nigerjan kellu 46 sena, u l-konvenuta, cittadina Maltija kellha 38 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa  sena. Wara konvivenza qasira ta' circa <u>tmientax [18] – il xahar</u>, il-partijiet isseparaw de facto billi l-konvenuta telqet mid-dar konjugali;  u fit-28 ta' Awissu 2003 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali.

*Verzjoni Attur*
L-attur jghid li hu gie Malta fi Frar 1993, u eventwalment beda jahdem ta' registered nurse mad-Dipartiment tas-Sahha Mentali.

Huwa kien iltaqa' mal-konvenuta xi sena qabel iz-zwieg, u matul dan il-perijodu tan-namur ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet tidher wahda tajba. F' dan il-perijodu l-konvenuta kienet informatu li fil-passat kienet issofri minn minor depression u kienet ukoll tiehu il-pilloli.

Ghalkemm, skond l-attur, il-konvenuta kienet tidher tajba, huma xorta wahda kellmu lill-Konsulent tal-Psikjatrija Dottor David Cassar. Dan il-psikjatra "In the presence of X Rose …. Counselled me against getting married to X Rose. When we were alone, and discussing Dr.Cassar's contrary advice, Miss S assured me that she would do everything to prove wrong the psychiatrist's negative counsel."[1] Fil-fatt il-partijiet izzewwgu fit-22 ta' Marzu 2002.

Wara li irritornaw mill-honeymoon, inqala' incident rigwardanti wiehed mill-klieb tal-konvenuta, li eventwalment kien ittiehed is-santwarju tal-klieb. Dan l-avveniment ikkrea dwejjaq kbar fil-konvenuta li kienet thobb hafna l-klieb taghha, bir-rizultat li waqat f' dipressjoni qawwija. L-attur jispjega li "she was just like always in the bed, not having to do anything, no responsibility."[2]

Illi ghalkemm il-partijiet fittxew l-ghajnuna professjonali ta' psikjatri, is-sitwazzjoni ma tjiebitx, u l-konvenuta marret ghand Avukat sabiex tipprocedi bis-separazzjoni personali. L-attur jghid li fl-ahhar sitt xhur tal-konvivenza matrimonjali r-relazzjonijiet intimi kienu kwazi non-ezistenti minhabba riluttanza da parti tal-konvenuta.

---

[1] Affid. Fol.18
[2] Fol.28

Wara konvivenza matrimonjali ta' tmientax-il xahar, il-konvenuta telqet mid-dar konjugali.

*Verzjoni konvenuta*
Il-konvenuta tispjega li ilha tbati mid-dipressjoni minn Mejju 1988 u minn dak iz-zmien bdiet tiehu l-anti dipressivi minhabba din il-kondizzjoni taghha. Hija kienet marret ghand diversi psikjatri biex tipprova tikkura ruhha, u tghid "I felt that the depression was taking over my health and life."

Hija tispjega wkoll li l-kondizzjoni taghha kienet affetwatilha l-hajja lavorattiva taghha. Inoltre, wara li giet terminata relazzjoni ta' erba' snin li hi kellha ma' persuna ta' nazzjonalita' Ingilza, il-kondizzjoni taghha hzienet.

Sussegwentement fl-4 ta' Dicembru 2001 hija ltaqet ma' l-attur li huwa psychiatrist nurse u li ghalhekk setgha jghinha; izda hi xorta wahda baqghet tiehu l-pilloli ghal din il-kondizzjoni. Fi kliemha: "I never stopped taking any medications required for my chonic depression as this was not recommended by my doctors."

Eventwalment il-partijiet bdew relazzjoni bejniethom, u ftit qabel ma' zzewwgu huma kienu marru ghand il-Psikjatra Dottor David Cassar li qallhom "that he was against the fact that I got married because of my depression. He advised us to remain good friends and nothing more, as this marriage would be counter-productive because of my condition." Hi tghid li f' dak iz-zmien hi kienet accettat il-parir tal-psikjatra, izda l-attur kien ikkonvinciha l-kuntrarju.

Illi dwar il-konvivenza matrimonjali, il-konvenuta tghid li l-partijiet kienu jillitigaw fuq il-klieb taghha, bir-rizultat li eventwalment wiehed mill-klieb inghata lis-santwarju tal-klieb. Tghid li meta miet wiehed mill-klieb hija sofriet hafna. Bdiet torqod f' kamra ohra u anke fl-art fil-kcina, filwaqt li l-attur kien jaghlaq il-kamra tas-sodda biex hi ma tidholx. Tghid li fir-relazzjonijiet intimi l-attur kien egojist u kien jimpuratah biss li jinqeda hu. Tispjega: "I always felt that I was being used, cheap and not loved ….. I always felt depressed throughout my entire married life. I never

saw any love from him, and I felt that I was a thing to be used."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f'dan il-kaz jirrizulta car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali z-zewg partijiet kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-import tal-hajja matrimonjali. Huma zzewwgu kontra l-parir espress tal-psikjatra, bir-rizultat li wara konvivenza qasira huma rrealizzaw li ma setghux jibnu bejniethom kommunjoni ta' hajja u ta' mhabba. Il-kondizzjoni mentali da parti tal-konvenuta minn naha wahda, u d-decizjoni ostinata da parti ta' l-attur, nurse fid-dipartiment tal-psikjatrija, li ghaddas rasu u zzewweg lill-konvenuta minghajr ma qies il-konsegwenzi jikkonfermaw l-ezistenza tal-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d], fil-konfront taz-zewg partijiet.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-22 ta' Marzu 2002.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------